**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1295/2001/1**

**Health Services Group Ltd**

**vs**

**Boris Archidiacono**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm775 (seba mija u hamsa u sebghin lira Maltin) rapprezentanti ammont dovut meta l-konvenut qabbad lill-attur ghall-nursing/caring services sabiex jiehdu hsieb lill-ommu Erminia Archidiacono.

Illi l-konvenut kien gja hallas ammont ta' flus u baqa bilanc ta' seba mija hamsa u sebghin lira maltin (Lm775) rigwardanti dawn s-servizzi li minkejja diversi interpellanzi l-attur ghadu ma thallasx.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes, stante illi s-socjeta' attrici naqset milli tipprovi s-servizzi miftiehma mal-konvenut, kif ukoll naqset serjament mill-etika professjonali, b'detriment, fl-ahhar mill-ahhar, ghal omm il-konvenut, u dan kif ser jigi ppruvat f'aktar dettal matul il-kawza.

Bl-ispejjes.

Sema' ix-xhieda u ezamina id-dokumenti.

Ikkonsidra.

Illi Gaetano Bonnici prodott mis-socjeta' attrici xehed dwar is-servizzi rezi fuq inkarigu tal-istess konvenut prestati lill-ommu. Ghalkemm kien jintbaghat kont mensilment il-konvenut kien tardiv fil-pagament. Kien ihalli xi elf lira (LM1,000) b'lura. L-ahhar kont kien ta' Lm1275 (elf mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin), li

minnhom halla bilanc ta' Lm775 (seba mija u hamsa u sebghin lira Maltin) meritu tal-kawza. Ma kienu jircievu l-ebda lament da parti tal-konvenut.

Illi ghandu jinghad li l-konvenut baqa jircievi s-servizz sal-ahhar li riedu ossia sakemm waqqfu ghax dahhal lil ommu f' St Vincent de Paul. Dina hija l-ewwel darba li qed jikkontesta l-konvenut. Da parti tieghu, il-konvenut jikkontendi li s-servizz ma kienx 'up to standard'. Kien hemm lament principali fis-sens li kienet tintbghat l-istess infermiera.

It-Tribunal jirrileva li, jekk ghal grazzja tal-argument, is-servizz kien monk, xorta hadu, accettah u ommu kienet moqdija. Anzi, meta tella' l-kont ghas-somma ta' Lm1275 (elf mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin), xorta wahda hallas Lm500 (hames mitt lira Maltin) minnu minghajr ma ghamel rizerva ta' pagament a saldu. Il-fatt li ghamel il-pagament (wara kollox minnu dovut, kien qed jammetti li ghandu jaghti l-ammont pretiz mis-socjeta attrici). Ma jistax issa f'dan l-istadju jallega li mhux dovut. Omnia labor optat premium. Kwalunkwe opposizzjoni messha saret 'a tempo vergine'. Lanqas ma allega f'dan l-istadju li l-ahhar pagament minnu maghmul kien in piena sodisfazzjoni ta' kull kreditu. Lanqas ma gie allegat mis-socjeta' attrici li saritilha din ir-riserva.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' Lm775 (seba mija u hamsa u sebghin lira Maltin), bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**